

Brussell, 13 ta' Novembru 2017  
(OR. en)

13569/1/17  
REV 1

PV/CONS 58  
SOC 672  
EMPL 515  
SAN 370  
CONSOM 329

#### ABBOZZ TA' MINUTI

---

Suġġett: **It-3569** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea  
(**Impjiegi, Politika Soċjali**, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur),  
li saret il-Lussemburgu fit-23 ta' Ottubru 2017

---

## KONTENUT

### Pàġna

1. Adozzjoni tal-aġenda.....	3
------------------------------	---

#### **ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI**

2. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A" .....	3
--	---

#### **DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**

3. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A" .....	3
--	---

4. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi [L-ewwel qari].....	5
--	---

#### **ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI**

5. Semestru Ewropew.....	5
--------------------------	---

- a) Sfdi Ewlenin fil-Qasam tal-Impjegi: Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjegi (EMCO) abbażi tar-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjegi
- b) Sfdi Soċjali Ewlenin: Messaġġi ewlenin tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC) abbażi tar-Rieżami Annwali tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali

#### **DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**

6. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 (Test b' rilevanza għaż-ŻEE u l-Iżvizzera) [L-ewwel qari].....	6
--	---

7. Affarijiet oħra .....	6
--------------------------	---

- a) Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE): Edizzjoni ġdida tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi
- b) Summit Soċjali Tripartitiku (Brussell, 18 ta' Ottubru 2017)
- c) Summit Diġitali ta' Tallinn (29 ta' Settembru 2017)
- d) Aġenda Ġdida għall-Filiet għall-Ewropa

ANNES - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill.....	7
---	---

\*

\*   \*

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

13078/17 OJ CONS 55 SOC 632 EMPL 480 SAN 349 CONSOM 315

Il-Kunsill adotta l-aġenda msemmija hawn fuq.

**ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI**

2. **Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"**

13169/17 PTS A 72

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 13169/17.

Dwar il-punt tal-Proklamazzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, 17-il Stat Membru tkellmu biex jissottolinjaw l-importanza ta' din il-Proklamazzjoni biex imexxu 'l quddiem mal-UE kollha konverġenza 'l fuq fil-qasam soċjali.

Dikjarazzjonijiet relatati ma' dawn il-punti jinsabu fl-Anness.

**DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**

*(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)*

3. **Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"**

13168/17 PTS A 71

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 13168/17.

Id-dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn il-punti jinsabu hawn taħt.

1. **Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 [L-ewwel qari]**

= Adozzjoni tal-att legiſlattiv

PE-CONS 31/17 PECHE 255 CODEC 1077

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE).

**2. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/65/UE dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku [L-ewwel qari]**

= Adozzjoni tal-att leġislattiv  
PE-CONS 40/17 ENV 658 MI 530 CODEC 1166

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

**3. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/45/KE dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri [L-ewwel qari]**

= Adozzjoni tal-att leġislattiv  
PE-CONS 34/17 MAR 140 CODEC 1123

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 100(2) TFUE).

**4. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità u li temenda d-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-formalitajiet ta' rappurtaż għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitolqu minn portijiet tal-Istati Membri Adozzjoni tal-att leġislattiv [L-ewwel qari]**

= Adozzjoni tal-att leġislattiv  
PE-CONS 35/17 MAR 141 CODEC 1124

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, bid-delegazzjoni Ġermaniża tivvota kontra, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 100(2) TFUE).

5. **Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sistema ta' spezzjonijiet għall-operazzjoni bla periklu ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri f'servizz regolari, li temenda d-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tassar id-Direttiva 1999/35/KE tal-Kunsill (L-ewwel qari)**

= Adozzjoni tal-att leġislattiv  
PE-CONS 36/17 MAR 142 CODEC 1125

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 100(2) TFUE).

4. **Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi [L-ewwel qari]**

*Fajl Interistituzzjonali: 2016/0070 (COD)*

= Approċċ ġenerali  
13153/17 SOC 637 EMPL 484 MI 706 COMPET 669 JUSTCIV 240  
CODEC 1578  
6987/16 SOC 144 EMPL 97 MI 142 COMPET 118 CODEC 279

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar it-test kif jinsab fid-dokument 13612/17. Il-Kummissjoni ppreżentat dikjarazzjoni u d-delegazzjoni Latvjana u dik Kroata ppreżentaw dikjarazzjoni konġunta għall-minuti tal-Kunsill; dawn iż-żewġ dikjarazzjonijiet jinsabu fl-Anness għal dan id-dokument.

## **ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI**

### 5. **Semestru Ewropew**

- a) **Sfidi Ewlenin fil-Qasam tal-Impjiegi: Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) abbażi tar-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi**

12563/17 SOC 597 EMPL 458 ECOFIN 750 EDUC 346  
+ ADD 1 – ADD 2

- b) **Sfidi Soċjali Ewlenin: Messaġġi ewlenin tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC) abbażi tar-Rieżami Annwali tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali**

12741/1/17 SOC 610 EMPL 469 ECOFIN 770 EDUC 355 REV 1  
+ ADD 1 – ADD 7  
+ ADD 1 COR 1

= Approvazzjoni  
(*Dibattitu pubbliku f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill*)

Il-Kunsill approva l-messaġġi ewlenin mill-EMCO u l-SPC, kif jinsabu fid-dokumenti msemmija hawn fuq.

## **DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**

*(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)*

6. **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u l-Iżvizzera) [L-ewwel qari]**

*Fajl Interistituzzjonali: 2016/0397 (COD)*

- = Approċċ ġenerali parzjali  
13139/17 SOC 336 EMPL 483 CODEC 1576  
+ COR 1  
15642/16 SOC 812 EMPL 549 CODEC 1910  
+ ADD 1  
+ ADD 1 REV 1 (en, fr, de)

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali dwar it-test kif jinsab fl-Annessi I u II għad-dokument 13645/17 REV1. Id-delegazzjoni Pollakka ppreżentat dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kunsill, li tinsab fl-Anness għal dan id-dokument.

7. **Affarijiet oħra**

a) **Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE): Edizzjoni ġdida tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi**

= Preżentazzjoni mill-EIGE

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

b) **Summit Soċjali Tripartitiku (Brussell, 18 ta' Ottubru 2017)**

= Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Kummissjoni.

c) **Summit Diġitali ta' Tallinn (29 ta' Settembru 2017)**

= Informazzjoni mill-Presidenza  
13239/17 SOC 644 EMPL 492 DIGIT 214

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

d) **Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa**

= Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

**DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL**

**Rigward il-punt  
"B" Nru 4:**

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (L-ewwel qari)  
Fajl Interistituzzjonali: 2016/0070 (COD)  
= Approċċ ġenerali**

**DIKJARAZZJONI MILL-KROAZJA U MIL-LATVJA**

"Il-Kroazja u l-Latvja jappoġġaw il-miżuri meħudin biex tittejjeb is-sitwazzjoni ta' ħaddiema kollokati u japprezzaw ħafna l-isforzi tal-Presidenza biex tilħaq qbil dwar il-*Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi*.

Madankollu, minkejja ħafna titjib li issa ġie inkluż fit-test ta' kompromess tal-Presidenza, aħna nqisu li l-proposta ma tieħux kont debitu tad-differenzi soċjoekonomiċi eżistenti madwar l-Unjoni Ewropea u jista' jkollha impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni ekonomika u l-ħolqien tal-impjieg. Barra minn hekk, tista' tnaqqas il-kompetittività li reġgħet inkisbet bi sforzi kbar matul il-kriżi finanzjarja u ekonomika u tkun ta' dannu għall-funzjonament tas-suq uniku tal-UE fis-servizzi inġenerali.

Ninsabu mħassba b'mod partikolari dwar l-introduzzjoni tal-kunċett ta' remunerazzjoni minflok rati minimi ta' ħlas. Il-kunċett ta' remunerazzjoni huwa ambigwu u jitfa' dubji fuq l-implimentazzjoni Prattika. Din ser iżżid il-komplessità u l-inċertezza legali għall-kumpanniji u l-ħaddiema u toħloq rekwiżiti amministrattivi ta' piż u b'hekk il-kollokament legali jsir aktar diffiċli, u hemm ir-riskju li toħloq konsegwenzi negattivi mhux intenzjonati, bħaż-żieda fl-impjieg indipendenti fittizju jew xogħol mhux iddikjarat."

## DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

"Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni mill-Kunsill ta' approċċ ġenerali dwar il-proposta tagħha li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjiegi ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi.

Il-Kummissjoni tinnota li l-approċċ ġenerali tal-Kunsill, bħall-proposta inizjali tiegħu, jinkludi serje ta' dispożizzjonijiet ġodda maħsuba biex joħolqu kondizzjonijiet ġusti għall-kollokament ta' ħaddiema fis-suq uniku. Il-Kummissjoni tikkondividi dan l-objettiv, li huwa fil-veru oriġini tal-proposta tagħha, ibbażat fuq il-prinċipju ta' "l-istess ħlas għall-istess xogħol fl-istess post".

Il-Kummissjoni tikkondividi l-fehma li dan l-objettiv ikun jista' jinkiseb aktar jekk ir-regoli l-ġodda dwar il-kollokament ta' ħaddiema jista' jkun ibbażat fuq dinamika ġenwina ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, li tista' tittejjeb aktar. Fil-fatt, minħabba n-natura transnazzjonali tiegħu, il-kollokament ta' ħaddiema joħloq sfidi partikolari għall-entitajiet reponsabbli mis-sorveljanza tal-applikazzjoni tal-kondizzjonijiet tax-xogħol. Għalhekk tidher neċessarja kooperazzjoni akbar u aktar faċli bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju u dawk ospitanti.

Il-Kummissjoni tqis li l-istabiliment ta' "Awtorità Ewropea tax-Xogħol li tiżgura l-ġustizzja fis-suq uniku tagħna" ser jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jiġu indirizzati b'mod effettiv dawn l-isfidi.

Kif imħabbar fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni u l-Ittra ta' Intenzjoni tat-13 ta' Settembru, il-Kummissjoni biħsiebha tinkludi proposta għal Awtorità Ewropea tax-Xogħol fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2018.

Il-Kummissjoni tinnota li l-approċċ ġenerali tal-Kunsill jipprevedi li, minħabba n-natura mobbli ħafna tat-trasport internazzjonali bit-triq, ir-regoli riveduti dwar il-kollokament ser ikunu applikati għal dak is-settur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġislattiv li jemenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward tar-rekwiżiti ta' infurzar u jstabilixxi regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-kollokament tax-xufiera fil-qasam tat-trasport bit-triq. Hija tappella lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jadottawha malajr sabiex ir-regoli jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' ħaddiema kollokati fis-settur filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tat-trasport bit-triq.

Sakemm isir dan, ir-regoli eżistenti dwar il-kollokament fit-trasport bit-triq jibqgħu fis-seħħ. Dawn ir-regoli ma japplikawx għal operazzjonijiet ta' trasport bit-triq li ma jikkostitwixxux kollokament. Il-Kummissjoni ser tkompli tissorvelja mill-qrib l-infurzar tajjeb tar-regoli attwali b'mod partikolari fis-settur tat-trasport bit-triq u tiegħu azzjoni fejn adatt."

**Rigward il-punt  
"B" Nru 6:**

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u l-Iżvizzera)  
- Approċċ ġenerali parzjali**

**DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"L-objettiv tal-Presidenza Estonjana huwa li tadotta l-approċċ ġenerali parzjali għall-abbozz ta' emendi għar-Regolamenti 883/2004 u 987/2009. Il-Polonja tapprezza l-isforzi magħmula mill-Presidenza Estonjana fl-iżvilupp ta' proposta ta' kompromess. It-test ippreżentat lill-Kunsill EPSCO huwa aktar bilanċjat mill-proposti magħmula mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Polonja tappoġġa bis-sħiħ is-soluzzjonijiet proposti mill-Presidenza Estonjana dwar it-trattament indaqs, madankollu, dubji li fadal dwar l-emendi fil-qasam tal-leġislazzjoni applikabbli jipprevjenu lill-Polonja milli tivvota favur l-abbozz. Għalhekk, ittieħdet id-deċiżjoni li tastjeni milli tivvota.

Il-Polonja żżomm ir-riżerva fundamentali tagħha rigward il-proposta dwar l-estensjoni tal-projbizzjoni fuq is-sostituzzjoni ta' persuna impjegata kollokata u persuna li taħdem għal rasha (Artikolu 12 tar-Regolament 883/2004). L-effetti ta' din is-soluzzjoni ma ġewx ivvalutati b'mod affidabbli fl-ebda stadju tan-negozjati tal-abbozz. B'mod partikolari, bl-ebda mod ma ntwera kif l-issikkar propost tal-kondizzjonijiet ta' kollokament ser jissarraff fil-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji fil-qasam tas-sigurtà soċjali u x'ikunu l-konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tas-soluzzjonijiet ġodda għall-intrapriżi żgħar u medji. Fin-nuqqas ta' ġustifikazzjoni ċara għall-ħtieġa tal-emendi magħmula, l-impressjoni ġenerali tista' tidher li l-objettiv ewlieni tagħhom huwa li titnaqqas il-possibbiltà li tintuża l-istituzzjoni tal-kollokament.

Barra minn hekk, in-negozjati fit-tul dwar l-abbozz ta' emenda għar-Regolamenti 883/2004 u 987/2009 ma solvewx id-dubji tal-Polonja dwar il-konsegwenzi ta' ħruġ bi żball tad-dokument A1 (l-Artikolu 19a(2) tar-Regolament 987/2009). Il-Polonja tappoġġa l-fehma li l-irtirar ta' dan id-dokument minħabba żball m'għandux awtomatikament jipproduċi effett retroattiv. Jinħtieġ li jittieħed kont tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Fil-fehma tal-Polonja, ma nistgħux inqisu bl-istess mod żball u abbuż, u l-effett fir-rigward tal-validità tad-dokument għandu jirrifletti sa fejn il-partijiet involuti kkontribwixxew għal deċiżjoni li tinbidel il-leġislazzjoni applikabbli. Is-soluzzjoni proposta fl-abbozz ser timplika konsegwenzi negattivi kemm għall-impjegati kif ukoll għall-impjegaturi (nuqqas ta' ċertezza legali dwar l-istat kompetenti għas-sigurtà soċjali), kif ukoll għall-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (ħtieġa li jitħallsu mhux biss kkontribuzzjonijiet dovuti iżda wkoll benefiċċji provduti). Aktar ma jkun twil il-perijodu bejn il-ħruġ u l-irtirar tad-dokument A1, aktar ikunu ħarxa dawn il-konsegwenzi.

Barra minn hekk, il-proposta ta' kompromess magħmula mill-Presidenza Estonjana ma tneħħix id-dubji tal-Polonja dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "uffiċċju reġistrat jew il-post tan-negozju", użat bħala rabta fid-determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli għall-persuni li jkun qed iwettqu attività f'żewġ Stati Membri jew aktar (l-Artikolu 14(5a) tar-Regolament 987/2009). Il-kriterji proposti fl-abbozz imorru lil hinn minn daww proposti mill-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE. Fil-fehma tal-Polonja, huwa partikolarment problematiku l-kriterju ta' "dħul, il-ħin tax-xogħol, l-għadd ta' servizzi mogħtija u/jew l-introjtu". L-applikazzjoni ta' dan il-kriterju fil-futur ser tikkawża diffikultajiet amministrattivi sinifikanti għall-istituzzjonijiet biex jiddeterminaw il-leġislazzjoni applikabbli u johlq riskju li jittieħdu deċiżjonijiet ħżiena.

Il-Polonja tinsab konvinta ferm li l-interess komuni tal-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea huwa kemm il-ġlieda kontra prattiki inġusti u illegali fil-qasam tal-leġislazzjoni applikabbli kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet ta' ħaddiema migranti. Madankollu, jeħtieġ li jinsab bilanċ fl-implimentazzjoni ta' dawn l-oġettivi. Fl-opinjoni tal-Polonja, is-soluzzjonijiet proposti ma jissodisfawx bis-sħiħ dan ir-rekwiżit."

o o

**Rigward il-punt  
"A" nru 4:**

**Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius  
= Adozzjoni**

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Bis-sentenza tagħha fil-kawżi konġunti C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod ċar li d-deċiżjonijiet rigward il-konklużjoni ta' ftehimiet esterni dwar is-sajd jaqgħu kompletament fl-ambitu tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)a(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u ċaħdet il-pożizzjoni li tali deċiżjonijiet jistgħu jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 43(3) TFUE.

Fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika ta' Mauritius u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u l-Artikolu 218(7) TFUE mal-Artikolu 43 (mingħajr ma jissema l-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u 218(7) TFUE, u għalhekk iżżomm il-proposta inizjali tagħha."

**Rigward il-punt  
"A" nru 5:**

**Abbozz ta' Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius  
= Adozzjoni**

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Bis-sentenza tagħha fil-kawżi konġunti C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod ċar li d-deċiżjonijiet rigward il-konklużjoni ta' ftehimiet esterni dwar is-sajd jaqgħu kompletament fl-ambitu tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jġigifieri l-Artikolu 218(6)a(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u ċaħdet il-pożizzjoni li tali deċiżjonijiet jistgħu jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 43(3) TFUE.

Fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika ta' Mauritius u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u l-Artikolu 218(7) TFUE mal-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u 218(7) TFUE, u għalhekk iżżomm il-proposta inizjali tagħha."

**Rigward il-punt  
"A" nru 6:**

**Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius**  
**= Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew**

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Bis-sentenza tagħha fil-kawżi konġunti C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod ċar li d-deċiżjonijiet rigward il-konklużjoni ta' ftehimiet esterni dwar is-sajd jaqgħu kompletament fl-ambitu tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)a(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet) u ċaħdet il-pożizzjoni li tali deċiżjonijiet jistgħu jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 43(3) TFUE.

Fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija l-ġdid dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika ta' Mauritius u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u l-Artikolu 218(7) TFUE mal-Artikolu 43 (mingħajr ma jissema l-paragrafu) flimkien mal-Artikolu 218(5), 218(6)a u 218(7) TFUE, u għalhekk iżżomm il-proposta inizjali tagħha."

**DIKAJRAZZJONI MID-DANIMARKA (APPOĠĠATA MILL-UNGERIJA U L-POLONJA)**

"Id-Danimarka tappoġġa UE li tiffoka fuq il-kisba ta' riżultati tanġibbli għaċ-ċittadini Ewropej f'oqsma fejn sforzi konġunti jgħolqu valur miżjud Ewropew.

Id-Danimarka tappoġġa Ewropa soċjalment responsabbli li timmira lejn tkabbir inklużiv. Dan l-impenn huwa bbażat fuq il-prinċipji ta' tkabbir sostenibbli u l-promozzjoni ta' progress ekonomiku u soċjali, kif ukoll il-koeżjoni u l-konverġenza, filwaqt li tinżamm l-integrità tas-suq intern - Unjoni li tiegħu kont tad-diversità tas-sistemi nazzjonali u r-rwol ewlieni tas-sħab soċjali, ara d-Dikjarazzjoni ta' Bratislava.

L-Istati Membri huma dawk primarjament responsabbli mill-iżgurar tal-progress soċjali u t-tkabbir ekonomiku permezz ta' pereżempju riformi strutturali nazzjonali u politiki fiskali b'saħħithom. Inizjattivi Ewropej ma jistgħux u m'għandhomx ifittxu li jissostitwixxu responsabbiltajiet nazzjonali f'dan ir-rigward.

Huwa f'dan il-kuntest li d-Danimarka qablet li l-Kunsill jiffirma l-proklamazzjoni interistituzzjonali tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Id-Danimarka tinnota li ġew iċċarati għadd ta' kwistjonijiet importanti fil-preambolu tal-Pilastru. Filwaqt li taqbel mal-Pilastru Soċjali, id-Danimarka tixtieq tissottolinja dan li ġej:

- Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ma fih l-ebda drittijiet legali jew obbligi ġodda iżda jagħti gwida politika lejn riżultati tal-impjiegi u soċjali effiċjenti b'rispons għall-isfidi kurrenti u futuri. Id-drittijiet u l-prinċipji li jinsabu fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali mhumiex direttament infurzabbli.
- Filwaqt li jiġi stabbilit qafas għall-ħidma futura, għandu jiġi ssottolinjat li r-responsabbiltà ewlenija biex jinkisbu riżultati soċjali tajbin u swieq tax-xogħol bi prestazzjoni tajba huma primarjament - u għandhom jibqgħu - il-kompetenza u r-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ma jimplikax estensjoni tal-poteri u l-kompiti tal-Unjoni kif konferiti mit-Trattati.
- Barra minn hekk, il-kompetenza u l-awtonomija tas-Sħab Soċjali għandhom jiġu rispettati bis-siġh. Is-sħab soċjali fil-livelli kollha għandhom rwol kruċjali fis-segwitu u fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, skont l-awtonomija tagħhom biex jikkonkludu ftehimiet u d-dritt għal negozjar kollettiv u azzjoni kollettiva."